

32001R1987

12.10.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 271/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1987/2001**tat-8 ta' Ottubru 2001****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3072/95 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ⁽⁴⁾ jistipula li ħlasijiet ta' kumpens għandhom jingħataw bejn is-16 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru wara l-bidu tas-sena kurrenti tas-suq.
- (2) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jwaqqaf sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' wċuħ tar-raba' li jinħartu ⁽⁵⁾ jistipula li l-ħlasijiet iridu jsiru bejn is-16 ta' Novembru u l-31 ta' Jannar.

(3) L-Artikolu 6(10) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3508/92 tas-27 ta' Novembru 1992 li jwaqqaf sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll għal ċerti skemi ta' għajjnuna Komunitarja ⁽⁶⁾ jipprovdi li għandu jkun hemm applikazzjoni waħda għall-għajjnuna żonali.

(4) L-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3508/92 jistipula li s-sistema integrata ta' kontroll tkun tkopri l-applikazzjonijiet għall-għajjnuna kollha mibgħuta. Sabiex tiġi simplifikata l-amministrazzjoni ta' ħlasijiet mill-Istati Membri, il-perjodi ta' ħlas għall-għajjnuna żonali għandhom jiġu allinejati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95, id-dati "16 ta' Ottubru" u "31 ta' Diċembru" għandhom jiġu sostitwiti bi "16 ta' Novembru" u "31 ta' Jannar" rispettivament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Jannar 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-8 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kunsill

L. ONKELINX

Il-President

⁽¹⁾ ĠU C 213 E, tal-31.07.01, p. 248.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2001 (għadha mhux pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽³⁾ Opinjoni mogħtija fit-12 ta' Settembru 2001 (għadha mhux pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽⁴⁾ ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1667/2000 (ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 3).

⁽⁵⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1672/2000 (ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 13).

⁽⁶⁾ ĠU L 355, tal-5.12.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1593/2000 (ĠU L 182, tal-21.7.2000, p. 11).